# Anniversarji

Mario Caruana

Dawn il-ġrajjiet u anniversarji f'din il-kitba huma biss għażla żgħira minn fost ħafna li seħħew fl-imgħoddi, u li flimkien ma' oħrajn, sawwru l-istorja ta' din il-Belt u l-parroċċa.

Din is-sena jaħbat …

## 400 sena mit-twaqqif tal-Fratellanza ta' San Karlu Borromeo (1620)

San Karlu Borromeo kien Kanonizzat mill-Papa Pawlu V fl-1610, wara li kien ħadem qatigħ biex fil-knisja jitwettqu r-riformi skont il-Konċilju ta' Trento. Malajr xterdet devozzjoni qawwija lejh madwar il-Knisja kollha, u fl-Isla kienet waħda mill-ewwel li xehlet din id-devozzjoni. Tant hu hekk li fl-20 ta' Ġunju 1620 – 400 sena ilu – fi żmien il-kappillan Cosimo Talavera, twaqqfet, fuq l-ewwel artal tax-xellug tal-maġġur, fratellanza f'ġieħ dan il-qaddis. Il-fratelli kienu jieħdu sehem fil-funzjonijiet tal-Knisja u fil-purċissjonijiet. Però din il-fratellanza ma kelliex ħajja twila. Illum l-uniku ħjiel tagħha, hija l-figura imponenti tal-Qaddis, impittra fil-kwadru fuq l-artal dedikat lit-tlugħ fis-sema tal-Madonna.

## 375 sena ilu. L-Isla l-akbar parroċċa bi kleru Djoċesan (1645)

Il-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin f'nofs is-seklu sbatax (17), kienet konċentrati fl-ibliet ta' madwar il-Port il-Kbir. Dan peress li hawnhekk kien hawn xogħol għall-ħaddiema, u l-kenn tas-swar f'każ ta' saram. Naturalment, l-akbar minn dawn l-ibliet, kienet il-Belt Valletta, Sede tal-Ordni ta' San Ġwann. Però l-ibliet fuq in-naħħa l-oħra tal-port, il-Birgu, l-Isla u Borml, kellhom popolazzjoni akbar meta mqabbla mal-irħula. Fl-1645 - 375 sena ilu, insibu li filwaqt li Bormla kellha madwar 1800 ruħ, u l-Birgu kellu mal-2800 ruħ, Iżil-popolazzjoni tal-Isla kienet taqbeż it-3200 ruħ - 1624 tas-sess femminili u 1579 tas-sess maskili. Din ukoll kienet popolazzjoni akbar min dik ta' Għawdex kollu f'daqqa. Peress li l-parroċċa ewlenija tal-Belt Valletta kienet taħt it-tmexxija tal-patrijiet Dumnikani, l-Isla allura kienet l-akbar parroċċa f'Malta u Għawdex imexxija mill-kleru Djoċesan. Dan kien fi żmien il-kappillan Dun Dumink Attard (1644 - 1660).

## 300 sena mill-Vista Pastorali tal-Isqof Giacomo Canaves (1720)

Fit-3 ta' Novembru 1720 – 300 mitt sena ilu – l-Isqof Mos. Giacomo Canaves, beda Vista Pastorali fl-Isla. Dan kien ftit wara l-bidu tal-parrokat tal-kappillan Dun Fortunato Vella. Bħalma kien il-każ f'ħafna drabi oħra, l-Isqof kellu kliem ta' tifħir għall-knisja parrokkjali, kemm għad-dehra u l-arkitettura tagħha, kif ukoll għax kienet mgħammra tajjeb ħafna għall-bżonnijiet għall-kult. Faħħar ukoll il-mod kif kienet tiġi ċċelebrata l-liturġija, u l-ħidma pastorali tal-kappillan u tas-saċerdoti. Però osserva l-bżonn li l-art tal-knisja tiġi miżmuma aħjar, għax kellha ħafna ħsarat fil-lapidi peress li spiss kienu jinqalgħu minħabba d-dfin. Ġibed ukoll l-attenzjoni għall-bżonn li jitkabbar il-kor, għax kien sar żgħir għan-numru ta' saċerdoti fl-Isla. Dan it-tkabbir sar ftit snin wara.

F'dik is-sena wkoll (1720) tlesta l-bini tas-sakrestija li hemm illum, li ħadet post waħda iżgħar li kienet tiġi wara l-kappellun tar-Ružarju.

## Mitt sena mir-reskritt tal-Inkurunazzjoni tal-Bambina (1920)

Ix-xewq li l-istatwa ta' Marija Bambina tiġi nkurunata, kienet ilha f'qalb is-Sengleani żmien twil. Sa fl-aħħar, fil-bidu tas-sena 1920 – mitt sena ilu – saru t-talbiet relattivi lill-Vatikan. Fil-11 ta' April 1920, il-Kapitlu tal-Vatikan iddiskuta u approva t-talba tal-Kapitlu Senglean. Ir-reskritt inħareġ mill-Kanċellerija tal-Vatikan fil-25 ta' April, u wasal Malta fis-7 ta' Mejju.

Immedjatament twaqqfu kumitati organizzattivi, u bdew it-tħejjijiet kemm spiritwali kif ukoll ta' natura festiva. L-aktar importanti kien ix-xogħol tal-manifattura tal-kuruna. Fil-knisja sar ħafna xogħol ta' tisbieħ billi nżebgħet il-knisja mill-gwarniċun 'l-isfel, u saret ukoll induratura ħdida fuq il-lavur tal-ġebla. Inħietet ukoll tapizzerija ġdida għall-pilastri tan-navati. Però l-aktar sinifikanti kienet l-induratura tal-istatwa tal-Bambina. Beda wkoll isir xogħol ta' rinovamnet tal-armar ta' barra. Dan kollu bi preparazzjoni għall-festi li kellhom isiru fl-1921.

## 1945 – 75 sena mill-bidu tar-rikostruzzjoni tal-Bażilika

Wara li fis-sena 1944 kienu saru l-ewwel preparattivi għall-bini mill-ġdid tal-Bażilika wara t-tiġrif tal-gwerra, issa beda x-xogħol attwali billi sar it-twaqqigħ tal-partijiet perikolużi, u tlesta t-tindif mill-ġebel u t-terrapien. Ix-xogħol attwali tar-rikostruzzjoni nbeda billi l-ewwel isaħħew xi pedamenti fil-parti li kienet għadha wieqfa, u li kienet ser

tinżamm u jinbena fuqha. Issaħħu xi ħitan fejn illum hemm id-daħla tas-Sagrestija, u nbeda x-xogħol urġenti fl-Oratorju tal-Kurċifiss.

Fl-istess ħin, wara li saru t-tiswijiet meħtieġa fil-knisja ta' San Filippu li issa kellha sservi ta' parroċċa, beda l-bini mill-ġdid tal-Oratorju li kien iġġarraf fil-gwerra. Minn dik is-sena wkoll, fil-festa tal-Vitorja, ħafna mill-armar tal-Bażilika ġie addattat biex jintrama f'San Filippu. (Għall dettalji dwar dan ara l-programm tal-Festa tas-sena 2006, paġni 3 sa 14). Xogħol importanti ieħor kien ix-xogħol li sar biex il-vara tal-Bambina tkun tista' toħroġ mill-bieb il-maġġur ta' San Filippu waqt il-purċissjoni. Hawn sar taraġ proviżorju ta' travi u fallakki ħoxnin quddiem dan il-bieb. Dan naturalment baqa jsir ta' kull sena sal-1957. Dan kollu li rajna kien apparti l-preparamenti u kuntatti kontinwi għax-xogħol iebes tar-rikostruzzjoni tal-Bażilika.

## 1995 – Tkomplija tal-proġett tal-pittura. L-erba' lunetti tal-koppla

Il-proġett vast tal-pittura tal-koppla u s-saqaf tal-Bażilika nħaseb u ġie ppjanat fi żmien l-Arċipriet Dun Ġwann Saldden, li però fi ħmienu ma laħaq sar xejn konkret. Imbagħad fi żmien l-Arċipriet Dun Vinċens Cachia, saret il-pittura tal-koppla li nkixfet f'Marzu tal-1993. Il-proġett tkompla, u sentejn wara, tlestew il-pitturi tal-erba' lunetti ta' taħt il-koppla. Dawn juru erba' figuri ta' nisa mit-Testment il-Qadim li l-Knisja tqishom bħala li jipprefiguraw lill-Madonna. Dawn huma **SARA**, mart Abram, u għalhekk meqjusa bħala omm il-poplu t'Alla. **DEBORA**, li b'ħilitha u d-dehen tagħha l-poplu Iżraeljan ġie meħlus mill-madmad ta' Jabin sultan ta' Kangħan u tal-ġeneral Sisea. **ĠUDITTA** li bl-għaqal u l-kuraġġ tagħha ħelset lill-poplu mill-qilla ta' Holofernes li kien joppressa lil poplu Lhudi, u **ESTER**, li bil-ħlewwa u l-perswazzjoni ħelset lil ġensha mill-jasar ta' Ahasweros. L-inawgurazzjoni ta' dawn il-pitturi saret fis-16 ta' Ġunju 1995 – 25 sena ilu.

Il-proġett tal-pittura tkompla bl-inawgurazzjoni tal-pittura tal-apside tal-kor, f'Awwissu 2004, fi żmien l-Arċipriet Dun Joe Grech. Dawn il-pitturi saru mill-Artist Frank Portelli.

Illum, bil-ħidma tal-Arċipriet preżenti, Dun Robin Camilleri qed issir il-pittura tas-saqaf tal-kor mill-Pittur Emmanuel Farrugia.

*• IKOMPLI MINN PAĠNA 5*

It-talba tal-Isqof Caruana hija ftit itwal, għax jagħmel użu mid-*dossier* ta' Marengo li Adami bagħat flimkien mas-supplika tiegħu. Caruana jitkellem fil-qosor dwar il-miġja misterjuża tal-Bambina, dwar il-qima li l-poplu kellu lejha sa mill-ewwel jum li fih iddaħħlet fil-knisja u jispiċċa billi jagħmel it-talba tal-Kapitlu, kleru u poplu Senglean, it-talba tiegħu stess bħala ragħaj tad-djoċesi u jirrimarka li privileġġ simili jkun ta' ġid għall-poplu Malti kollu għax permezz tiegħu jkompli jkabbar il-qima tiegħu lejn il-Madonna, Patruna ewlenija tad-djoċesi.



Il-Papa Benedittu XV

L-informazzjoni li ntbagħtet Ruma flimkien mat-talba tal-Isqof jidher li kienet konvinċenti biżżejjed, għax id-deċiżjoni b'eżitu pożittiv ittieħdet mill-Kapitlu tal-Vatikan bil-barka tal-Papa fil-25 ta' April. Mill-memorji tan-nies miktuba 50 sena wara, jidher li l-aħbar sabiħa waslet f'Senglea l-għada ta' Lapsi, f'nofs Mejju, waqt li fil-knisja kien qiegħed jiġi ċċelebrat it-tridwu tal-Madonna tas-Sacro Cuor.

L-istess kanċillier tal-Isqof f'ittra ddatata 20 ta' Mejju lill-Aċipriet jistqarr li baqa' mistgħaġeb li d-deċiżjoni ttieħdet daqshekk malajr. L-aħbar inqrat pubblikament lill-poplu tal-Belt Senglea nhar it-23 ta' Mejju filgħaxija, waqt ċerimonja li saret wara l-kumpieta li għaliha kien mistieden l-Isqof li kien strumentali biex seta' jingħata dan il-privileġġ. Sena wara, fl-4 ta' Settembru 1921, il-Bambina tal-Vittorja saret l-ewwel statwa f'Malta li ġiet inkurunata solennement bl-approvazzjoni tas-Santa Sede.



A Sua Eccell. Revma Mons. 28
Don Mauro Caruana O.S.B.
Arcivescovo Vescovo di Malta
Ricorre dell'Arcip. Parr. D. G. Adami a
nome proprio e del Revmo Capitolo Clero e
popolo della Città Senglea.
Espone umilmente:
Che gli abitanti di Senglea nutrono
grandissima venerazione verso l'effigie
della Natività di Maria Vergine conosciuta
sotto il titolo della Bambina della Vittoria
in memoria della gloriosa vittoria ripor-
tata dai Maltesi sui Turchi il 7 Settem-
bre 1565 per miracolo e protezione della
Beata Vergine.
Che tale devozione rimonta da tempi
antichissimi cioè dalla fabbrica della
chiesa durante il Parrocato di Don Cosmo
Talavera (1619-1634), ed è stata sempre
costante e giammai interrotta come
risulta da innumerevoli voti fatti
da persone private in tempi normali,
e da persone pubbliche cioè Capitolo, Clero
e popolo in tempi di gravi calamità;
come p.e. il voto fatto dal Capitolo Clero
e popolo nel 1813 quando tutta la diocesi
di Malta e Gozo era infetta dal terribile
morbo della peste che fece migliaja di
vittime, mentre la Senglea ne rimase
incolume e nemmeno uno fu colpito
da questo terribile flagello. (Voto confer-
mato con Decreto di Mons. Mattei 4 Maggio 1814.)
e dai pellegrinaggi fatti colla venerata
effigie in tempo di grande siccità e

*Il-petizzjoni tal-Arċipriet Adami*